# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1694

## tal-20 ta' Settembru 2016

## li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-Kunsill wettaq rieżami sħiħ tal-listi ta' persuni u entitajiet li jinsabu fl-Annessi II u IV għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Għandha titneħħa persuna waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif tinsab fit-taqsima A tal-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(4) L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma b'dan emendati kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. KORČOK

([1]) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

*ANNESS*

I. L-isem tal-persuna li ġejja u l-entrata relatata huma mħassra mil-lista li tinsab fit-taqsima A tal-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333:

A. Persuni

| | |
|---|---|
| 15. | Kurunell Taher Juwadi |

II. L-isem tal-persuna li ġejja u l-entrata relatata huma mħassra mil-lista li tinsab fit-taqsima A tal-Anness IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333:

A. Persuni

| | |
|---|---|
| 15. | Kurunell Taher Juwadi |